(b) be citizens of another European Union member state; or

(c) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(d) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a), (b) and

sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) (a) ikollhom Diploma fl-Istudji ta' l-Agrikoltura jew kwalifika xierqa kumparabbli u mill-inqas sena esperjenza ta' xogħol relevanti; jew

(b) ikunu Uffiċjali Pubbliċi** bi Skala ta' Salarju ta' mhux inqas minn Skala 15 u li għandhom mill-inqas tliet (3) snin esperjenza tax-xogħol relevanti.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

6. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li:

(a) huma infurmati tajjeb dwar il-produzzjoni ta' l-uċuħ tar-raba' u/jew dwar it-trobbija tal-bhejjem;

(b) huma kapaċi jaħdmu kemm fuq ġewwa kif ukoll fuq barra;

(c) għandhom kapaċitajiet tajbin ta' navigazzjoni;

(d) ikollhom esperjenza f'ispezzjonijiet ta' għelieqi u rziezet;

(e) għandhom ħiliet ta' tmexxija li jistgħu jintwerew;

(f) għandhom għarfien tajjeb fil-qasam tal-kompjuter;

(g) kapaċi jaħdmu taħt pressjoni.

7. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom

(c) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (b), (c) and (d) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) (a) be in possession of a Diploma in Agriculture Studies or an appropriate comparable qualification and have at least one year relevant experience; or

(b) be Public Officers** in a Salary Scale not below Scale 15 with at least three (3) years relevant work experience.

(iv) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a recent Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Due consideration will be given to applicants who:

(a) are knowledgeable in crop production and/or livestock breeding;

(b) are able to work indoors and outdoors;

(c) have good navigation abilities;

(d) are experienced in field/farm inspections;

(e) have proven leadership skills;

(f) have a good level of computer literacy;

(g) are able to work under pressure.

7. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications

jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Offce* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

9.1. L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

9.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 173, Triq San Kristofru, Valletta.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti illi kopji tagħhom għandhom ikunu jew mehmużin ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

10.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

10.3 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-

should be given bythe applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for public officers not holding/holding a substantive grade, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 173, Triq San Kristofru, Valletta.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

10.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

10.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

10.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the

kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti elettroniċi:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Sezzjoni Riżorsi Umani, 173, Triq San Kristofru, Valletta.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* (GP 47) li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Sezzjoni Riżorsi Umani, 173, Triq San Kristofru, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Frar, 2008.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, it-22 ta' Frar, 2008 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 173, Triq San Kristofru, Valletta mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356-22991161.

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id- Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

** Persuni fuq kuntratt ta' impieg definit li jaqgħu taħt AL 51/2007, imma mhux dawk li jaqgħu taħt Regolament 3(2) ta' l-istess AL, huma eliġibbli.

Id-29 ta' Jannar, 2008

interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications

11. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 173, Triq San Kristofru, Valletta.

13. Applications, together with a *curriculum vitae* (GP47) including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 173, St Christopher Street, Valletta by not later than noon (Central European Time) of Friday, 22nd February, 2008.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 22nd February, 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, 173, Triq San Kristofru, Valletta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356-22991161.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

** Persons on a definite contract of employment who fall under LM 51/2007, but not those falling under Regulation 3 (2) thereof are eligible to apply.

29th January, 2008

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġlu jimla l-post ta':-

Direttur ta' l-Informazzjoni u *Student Support Services*
(Permess ta' l-ETC Nru. 10/2008)

Rekwiżiti:
first degree jew *degree* ta' wara l-gradwazzjoni fl-edukazzjoni inklussiva jew li speċjalizzaw fl-għajnuna għal studenti bi bżonnijiet fit-tagħlim u/jew oħrajn speċjali jew fil-psikoloġija;
ta' l-anqas ħames (5) snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing*,

u

ta' l-anqas ħames (5) snin esperjenza fil-*management*.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard mit-Tnejn, il-11 ta' Frar 2008, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Id-29 ta' Jannar, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of:

Director of Information and Student Support Services
(ETC Permit No. 10/2008)

Requirements:
a first degree and a post-graduate degree in inclusive education or specialising in the support of students with learning and/or special needs or in psychology;

a minimum of five (5) years teaching/lecturing experience,

and

at least five (5) years management experience.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 11 February 2008, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Paola, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

29th January, 2008

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Riżultati ta' l-Intervisti għall-Pożizzjonijiet fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima Proprjetà tal-Gvern), jgħarraf li r-riżultati ta' l-intervisti għall-pożizzjonijiet imsemmija hawn taħt ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-board* fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, fil-Berġa tal-Baviera, Valletta u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-pożizzjonijiet huma dawn li ġejjin:
Manager (Coordination Services) fl-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali
Resource Officer
Revenue Manager fid-Dipartiment ta' l-Artijiet

Id-29 ta' Jannar, 2008

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Results of Interviews for Positions at the Government Property Division

The Director General (Government Property Division) notifies that the results of the interviews for the under-mentioned positions have been published and can be viewed on the notice-board at the Government Property Division, Auberge de Bavière, Valletta and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The positions are the following:
Manager (Coordination Services) in the Office of the Director General
Resource Officer
Revenue Manager at the Land Department

29th January, 2008

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)

	2007
Jannar	108.58
Frar	108.86
Marzu	109.40
April	110.16
Mejju	110.44
Ġunju	110.53
Lulju	110.67
Awissu	110.98
Settembru	112.21
Ottubru	113.20
Novembru	113.50
Diċembru	113.52

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

Oġġetti	Novembru 2007	Diċembru 2007	Effett fuq l-Indiċi
Ikel			
Ħaxix	181.68	160.00	-0.22
Trasport u Komunikazzjoni			
Servizz ta' trasport bl-ajru	94.94	96.07	0.06
Fuels	137.55	139.01	0.05

Id-29 ta' Jannar, 2008

KUNSILL LOKALI GĦAXAQ

Il-Kunsill Lokali Għaxaq jgħarraf illi nhar il-Ħadd, it-Tnejn, u t-Tlieta t-3, l-4 u l-5 ta' Frar 2008, Triq Santa Marija minn Misraħ Santu Rokku sal-kantuniera ta' Triq Santa Tereża, se tkun magħluqa għat-traffiku minħabba attivitajiet tal-karnival, bejn is-7.00 p.m. sa nofsillejl.

Il-Kunsill Lokali Għaxaq jgħarraf ukoll illi nhar it-Tnejn, l-4 ta' Frar, 2008, Triq Santa Marija minn kantuniera ma' Triq Santa Tereża sa tarf ta' Triq il-Gudja se tkun magħluqa għat-traffiku minħabba attivitajiet tal-Karnival bejn is-7.00 p.m. u l-10.00 p.m.

Id-29 ta' Jannar, 2008

RETAIL PRICES INDEX

All Items (December 2002 = 100)

	2007
January	108.58
February	108.86
March	109.40
April	110.16
May	110.44
June	110.53
July	110.67
August	110.98
September	112.21
October	113.20
November	113.50
December	113.52

Items causing most change:–

Items	November 2007	December 2007	Effect on Index
Food			
Vegetables	181.68	160.00	-0.22
Transport and Communications			
Air transport services	94.94	96.07	0.06
Fuels	137.55	139.01	0.05

29th January, 2008

GĦAXAQ LOCAL COUNCIL

The Għaxaq Local Council notifies that on Sunday, Monday and Tuesday 3rd, 4th and 5th February 2008, Triq Santa Marija from Misraħ Santu Rokku to Triq Santa Tereża, will be closed to traffic from 7.00 p.m. till midnight due to carnival activities.

The Għaxaq Local Council notifies also that on Monday, 4th February, 2008, Triq Santa Marija corner with Triq Santa Tereża to Triq il-Gudja will be closed to traffic from 7.00 p.m. till 10.00 p.m. due to Carnival activities.

29th January, 2008

KUNSILL LOKALI BALZAN

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Frar 2008 fis-Sala Aurora fi Triq il-Kbira fis-7.30 p.m.

F'din il-laqgħa r-residenti se jkollhom iċ-ċans li jagħtu s-suġġerimenti tagħhom għall-*budget* għas-sena finanzjaraja 2008-2009.

Id-29 ta' Jannar, 2008

BALZAN LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with the Local Councils Act (Cap. 363), an annual locality meeting will be held on Friday, 8th February 2008 at the Aurora Hall, Triq il-Kbira at 7.30 p.m.

During the meeting the public will have the opportunity to forward suggestions for the budget of the financial year 2008-2009.

29th January, 2008

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETaA, il-5 ta' Frar, 2008, għal:

CT/A/9/2007. Xiri ta' *fork lifter, truck, sweeper* u kompressur ta' l-arja għall-faċilitajiet ta' *dry standing* fil-Kavallerizza, Marsaxlokk – Diviżjoni ta' l-Affarijiet Veterinarji u Sajd. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.maltafisheries.gov.mt/news.asp

Dan huwa *Service Notice* taħt *Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm tal-Fondi Strutturali Ewropej għal Malta 2004-2006.

(*Budget* Stimat: €63,359.68 (Lm27,200.00) mingħajr V.A.T.).

CT 411/2007. Xogħlijiet ta' rinforzar fid-Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja. Irid jitħallas dritt ta' €116.47 (Lm50) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' Frar, 2008, għal:

CT 412/2007. *Enhancement of Occupational Skills of Support Staff* fl-Isptar San Luqa - Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura tal-Komunità

Dan huwa *Services Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm tal-Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006.

(*Budget* Allokat: €66,100.75 (Lm28,376.73) mingħajr V.A.T.).

CT 413/2007. Provvista u stallazzjoni ta' *turf* artifiċjali *(FIFA 2 Star Recommended System)* fil-*playground* tal-Mellieħa - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following Advt.isements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 5th February, 2008, for:

CT/A/9/2007. Procurement and delivery of a fork lifter, truck, sweeper and air compressor for the dry standing facilities at Kavallerizza, Marsaxlokk – Veterinary Affairs and Fisheries Division. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.maltafisheries.gov.mt/news.asp

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

(Estimated Budget: €63,359.68 (Lm27,200.00) excluding V.A.T.).

CT 411/2007. Reinforcement works at the Courts of Justice Division. A fee of €116.47 (Lm50) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 14th February, 2008, for:

CT 412/2007. Enhancement of Occupational Skills of Support Staff at St Luke's Hospital - Ministry for Health, Elderly and Community Care.

This is a Services Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

(Allocated Budget: €66,100.75 (Lm28,376.73) excluding V.A.T.).

CT 413/2007. Supply and installation of artificial turf (FIFA 2 Star Recommended System) at the Mellieħa playground - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €81.53 (Lm35)

dritt ta' €81.53 (Lm35) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Frar, 2008, għal:

CT/A/1/2008. *Malta South Sewage Transmission gallery* mill-Kalkara sa Ta' Baskat, limiti tax-Xgħajra - Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kopja tad-dokument ta' l-offerta jista' jitniżżel mill-*website* http://www.wsc.com.mt

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, ERDF - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* Allokat: €2,318,891.22 (Lm995,488.63) mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Frar, 2008, għal:

CT 1/2008. Preparazzjoni ta' *Master Plan* għaċ-Ċittadella, il-belt fortifikata l-antika fil-gżira ta' Għawdex, Malta - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' €115 (Lm49.37) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta ko-finanzjata mill-EEA: l-Islanda, Liechtenstein u n-Norveġja.

(*Budget* Allokat: €300,000.00 (Lm128,788.53) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Jannar 2008.

CT 384/2007. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-Proġett tal-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali - Ministeru għall-Iżvilupp Urbani u Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €465.88 (Lm200) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2007.

CT 5/2008. Xogħlijiet mekkaniċi u ta' l-elettriku fis-Swali St Jeanne Antide fl-Isptar Monte Karmeli - Sptar Monte Karmeli. Irid jitħallas dritt ta' €232 (Lm100) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 6/2008. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' vażi tal-franka għal diversi proġetti - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €46 (Lm19.75) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-4 ta' Marzu, 2008, għal:

CT 2/2008. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' konkos tat-tip *ready mix* għal użu ġenerali u marittimu f'Malta (2008/2009) (Reġjuni tat-Tramuntana u Nofsinhar) lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' Jannar 2008.

will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 19th February, 2008, for:

CT/A/1/2008. Malta South Sewage Transmission gallery from Kalkara to Ta' Baskat, limits of Xgħajra - Water Services Corporation. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.wsc.com.mt

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €2,318,891.22 (Lm995,488.63) excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 28th February, 2008, for:

CT 1/2008. Preparation of a Master Plan for the Cittadella - the old fortified city on the island of Gozo, Malta - Ministry for Gozo. A fee of €115 (Lm49.37) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is co-financed by the EEA: Iceland, Liechtenstein and Norway.

(Allocated Budget: €300,000.00 (Lm128,788.53) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd January 2008.

CT 384/2007. Construction works at the Ta' Qali Crafts Village Project - Ministry for Urban Development and Roads. A fee of €465.88 (Lm200) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2007.

CT 5/2008. Mechanical and electrical works at St Jeanne Antide Wards in Mount Carmel Hospital - Mount Carmel Hospital. A fee of €232 (Lm100) will be charged for each copy of tender document.

CT 6/2008. Period contract for the supply of large franka stone blocks for various projects - Works Division. A fee of €46 (Lm19.75) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 4th March, 2008, for:

CT 2/2008. Period contract for the supply of ready mix concrete for general and maritime use in Malta (2008/2009) (North and South Region) to the Procurement Section of the Contracts Department.

The EU Contract Notice was dispatched on 9th January 2008.

CT 7/2008. Provvista ta' qliezet u dbielet tas-sajf - Dipartiment tal-Pulizija ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €10 (Lm4.29) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, is-6 ta' Marzu, 2008, għal:

CT 8/2008. Kuntratt perjodiku għal kiri ta' karozzi *self drive* – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 (Lm30.05) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 9/2007. *Upgrading* tal-Coastline Promenade tax-Xgħajra fix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €230.00 (Lm98.74) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 10/2007. Xogħlijiet ta' toroq tal-Coastline Promenade tax-Xgħajra fix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €115.00 (Lm49.37) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 12/2008. Bini ta' *Animal After Care*, Ta' Qali – Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 (Lm30.05) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-11 ta' Marzu, 2008, għal:

CT 3/2008. Xogħlijiet ċivili fil-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €460 (Lm197.48) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* Allokat: €11,297,452.00 (Lm4,849,940.76) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-10 ta' Jannar 2008.

CT 4/2008. Servizzi ta' maniġġar ta' bini għall-kostruzzjoni mill-ġdid tal-*Bypass* ta' Wied il-Għajn, Wied il-Għajn/Ħaż-Żabbar - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €116 (Lm49.80) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* Allokat: €232,940.00 (Lm100,000.00) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Jannar 2008.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-18 ta' Marzu, 2008, għal:

CT 11/2008. Provvediment ta' taħriġ f'*Call Centre operations* – Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija.

CT 7/2008. Supply of summer trousers and skirts - Malta Police Department. A fee of €10 (Lm4.29) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 6th March, 2008, for:

CT 8/2008. Period contract for the hire of self drive cars – Works Division. A fee of €70.00 (Lm30.05) will be charged for each copy of tender document.

CT 9/2007. Upgrading of Xgħajra Coastline Promenade at Xgħajra, Żabbar – Works Division. A fee of €230.00 (Lm98.74) will be charged for each copy of tender document.

CT 10/2007. Road works at Xgħajra Coastline Promenade at Xgħajra, Żabbar – Works Division. A fee of €115.00 (Lm49.37) will be charged for each copy of tender document.

CT 12/2008. Construction of an Animal After Care, Ta' Qali – Ministry for Rural Affairs and the Environment. A fee of €70.00 (Lm30.05) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 11th March, 2008, for:

CT 3/2008. Civil works at Ta' Qali Crafts Village, Ta' Qali - Roads Directorate. A fee of €460 (Lm197.48) will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Allocated Budget: €11,297,452.00 (Lm4,849,940.76) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 10th January 2008.

CT 4/2008. Construction management services for the reconstruction of Marsaskala Bypass, Marsaskala/Żabbar - Roads Directorate. A fee of €116 (Lm49.80) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Allocated Budget: €232,940.00 (Lm100,000.00) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 11th January 2008.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 18th March, 2008, for:

CT 11/2008. Provision of training in Call Centre operations – Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of

Irid jitħallas dritt ta' €40.00 (Lm17.17) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm tal-Fondi Strutturali Ewropew għal Malta 2004-2006.

(*Budget* Allokat: €88,283.00 (Lm37,899.46) mingħajr V.A.T.).

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu wkoll jitħallsu permezz ta' sistema elettronika *point-of-sale* (EPOS) tal-Bank of Valletta.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Id-29 ta' Jannar, 2008

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Id-29 ta' Jannar, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 384/2007. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-Proġett tal-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali - Ministeru għall-Iżvilupp Urbani u Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €465.88 (Lm200) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2007.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġa' jiġi mtawwal sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Frar, 2008.

Id-29 ta' Jannar, 2008

€40.00 (Lm17.17) will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Structural Funds 2004 – 2006.

(Allocated Budget: €88,283.00 (Lm37,899.46) excluding V.A.T.).

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon. A Bank of Valletta point-of-sale system (EPOS) is also available for the payment of tender documents.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

29th January, 2008

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

29th January, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 384/2007. Construction works at the Ta' Qali Crafts Village Project - Ministry for Urban Development and Roads. A fee of €465.88 (Lm200) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2007.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 28th February, 2008.

29th January, 2008

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, il-31 ta' Jannar, 2008.

Avviż Nru. 1. Bejgħ *tale quale* tal-Fond Nru. 25, Sqaq il-Miħna, iż-Żejtun, kif muri fuq pjanta P.D.JO_32_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €10,000 (Lm4,293.00) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 2. Bejgħ ta' sit fi Triq l-Alfier De Medran, Ħal Tarxien, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_6_2005_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €11,647 (Lm5,000.06) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 3. Kiri, minn sena għal sena, ta' sit fil-limiti tas-Siġġiewi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_479. Min jagħmel l-offerta jrid isemmi l-iskop tal-kirja.

Avviż Nru. 4. Kiri ta' *Store* Nru. 70Ċ, Triq Zekka, Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 2006_76. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 5. Kiri, għal mhux anqas minn ħdax-il sena, tal-Ħanut vojt Nru. 8/10, Triq Ineż Soler, Santa Luċija, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.11_82_101. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 6. Kiri tal-Ħanut vojt Nru. 3 (qabel Nru. 1), Triq il-Barrieri, Ħal Kirkop, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.48_83_13. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 7. Kiri ta' Garaxx Nru. 6, Triq iċ-Ċipress, San Ġwann, muri bl-aħmar fuq pjanta L.D.135/81/26.

Avviż Nru. 8. Kiri *tale quale* tal-Ħanut Nru. 28, Telgħet Liesse, Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_931.

Avviż Nru. 9. Kiri, minn sena għal sena, biex jintuża bħala ġnien, ta' sit quddiem id-Dar Nru. 6, Triq il-Ħuxlief, iż-Żejtun, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 4 fuq pjanta L.D.7/80/75. Dan is-sit huwa soġġett għal servitujiet ta' terzi, favur il-proprjetà adjaċenti.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, is-7 ta' Frar, 2008.

Avviż Nru. 10. Bejgħ ta' sit ħdejn Blokk 5, Qasam tad-Djar Ta' Għeriexem, ir-Rabat, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:-

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 31st January, 2008.

Advt. No. 1. Sale tale quale of Premises No. 25, Sqaq il-Miħna, Żejtun as shown on plan P.D.JO_32_2007. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,000 (Lm4,293.00) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 2. Sale of a site in Triq l-Alfier De Medran, Tarxien, shown edged in red on plan P.D.JO_6_2005_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €11,647 (Lm5,000.06) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 3. Lease, on a year to year basis, of a site in the limits of Siġġiewi, shown edged in red on plan P.D. 2007_479. Tenderers are to state purpose of lease.

Advt. No. 4. Lease of Store No. 70C, Old Mint Street, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2006_76. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 5. Lease, for not less than eleven (11) years, of the bare Shop No. 8/10, Ineż Soler Street, Santa Luċija, shown edged in red on plan P.D.11_82_101. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 6. Lease of the bare Shop No. 3 (previously No. 1), Triq il-Barrieri, Kirkop, shown edged in red on plan P.D.48_83_13. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 7. Lease of Garage No. 6, Triq iċ-Ċipress, San Ġwann, shown edged in red on plan L.D.135/81/26.

Advt. No. 8. Lease, tale quale, of Shop No. 28, Liesse Hill, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2007_931.

Advt. No. 9. Lease, on a year to year basis, for gardening purposes, of a site in front of House No. 6, Triq il-Ħuxlief, Żejtun, shown edged in red and marked No. 4 on plan L.D.7/80/75. This site is subject to third party servitudes in favour of adjacent property.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 7th February, 2008.

Advt. No. 10. Sale of a site adjacent to Block 5, Għeriexem Housing Estate, Rabat, shown edged in red on plan P.D.

2007_211. Dan is-sit hu soġġett għal servitujiet ta' twieqi tal-Blokk 5 adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,160 (Lm497.99) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 11. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmi, €1.98 (Lm0.85) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fil-5 ta' Ġunju, 2083, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Calcedonio Gatt tas-6 ta' Ġunju, 1933, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' sit fil-Mellieħa, muri bl-aħmar u mmarkat 'A' fuq pjanta P.D.2007_610. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,000 (Lm429.30) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 12. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' Ewro u erba' ċenteżmi, €1.04 (Lm0.44,6) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fil-5 ta' Ġunju, 2083, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Calcedonio Gatt tas-6 ta' Ġunju, 1933, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' sit fil-Mellieħa, muri bl-aħmar u mmarkat 'F' fuq pjanta P.D.2007_610. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,000 (Lm429.30) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 13. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' erbgħa u ħamsin Ewro ċenteżmi, €0.54 (Lm0.23,1) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fil-5 ta' Ġunju, 2083, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Calcedonio Gatt tas-6 ta' Ġunju, 1933, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' sit fil-Mellieħa, muri bl-aħmar u mmarkat 'B' fuq pjanta P.D.2007_610. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,000 (Lm429.30) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Id-dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Finanzi tal-Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Vjal il-Kottonera, Bormla BML 9020, bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m. u s-1.30 p.m. u l-4.30 p.m.

Għandu jsir ħlas ta' €35 (Lm15.03) meta jinġabru d-dokumenti.

Id-29 ta' Jannar, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport receives offers up to noon on Tuesday, 26th February, 2008, for:-

Structural works at Tal-Qroqq Fitness Centre.

Tender documents and conditions can be collected from the Finance Office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cottoner Avenue, Cospicua BML 9020, between 8.00 a.m. and 12.30 p.m and 1.30 p.m. and 4.30 p.m.

A fee of €35 (Lm15.03) has to be paid upon collection of documents.

29th January, 2008

DIPARTIMENT TAT-TAXXI INTERNI

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jgħarraf illi sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' Frar, 2008, fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għall-provvista u konsenja ta' 370,000 *pressure seal forms* għad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet u dokumenti oħra relevanti, jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, Blokk 3A, il-Furjana, fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti għandhom jiġu miftuħa fil-kaxxa ta' l-offerti fi Blokk II, Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana.

Id-29 ta' Jannar, 2008

INLAND REVENUE DEPARTMENT

The Commissioner of Inland Revenue notifies that sealed tenders will be received at the Inland Revenue Department, Floriana, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 19th February, 2008, for the supply and delivery of 370,000 pressure seal forms for the Inland Revenue Department, Floriana.

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents, are obtainable on application from the Inland Revenue Department, Block 3A, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and noon. Tender documents are to be deposited in the tender box available at Block II, Inland Revenue Department, Floriana.

29th January, 2008

KUNSILL MALTI GĦAX-XJENZA U T-TEKNOLOĠIJA

Il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' Frar 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż. Nru. MCST 01/2008. Provvista ta' servizzi ta' konsulenza għall-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija.

Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' tinkiseb mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, Villa Bighi, Bighi KKR 1320, numru tat-telefon: 21660340.

L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti li tinsab fil-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, Villa Bighi, Bighi KKR 1320, bejn id-9.00 a.m. u l-5.00 p.m.

L-offerti għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar kif ġej:

"Provvista ta' servizzi ta' konsulenza għall-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija - M 01/2008".

Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Id-29 ta' Jannar, 2008

MALTA COUNCIL FOR SCIENCE AND TECHNOLOGY (MCST)

The Malta Council for Science and Technology (MCST) notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Tuesday 19th February 2008, for:-

Advt. No. MCST 01/2008. Provision of consultancy services to the Malta Council for Science and Technology.

A copy of the tender document can be obtained from the Malta Council for Science and Technology, Villa Bighi, Bighi KKR 1320, telephone number: 21660340.

Tenders are to be deposited in the tender box located at the Malta Council for Science and Technology, Villa Bighi, Bighi KKR 1320, between 9.00 a.m. and 5.00 p.m.

Tenders should be clearly marked as follows:

"Provision of consultancy services to the Malta Council for Science and Technology - M 01/2008".

Late submissions will not be considered.

29th January, 2008

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Frar, 2008 fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima ta' l-*Accounts,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. WB 3/2008. Provvista u konsenja ta' kanen ta' l-ilma ta' l-azzar galvanizzat għat-Taqsima tax-Xogħlijiet, Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Għawdex (kuntratt perjodiku).

Għandu jitħallas dritt ta' €11.65 (Lm5) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tax-Xogħlijiet, ir-Rabat, Għawdex, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Id-29 ta' Jannar, 2008

MINISTRY FOR GOZO

The Director Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services, Victoria, Gozo, by not later than 10.00 a.m. of Wednesday, 20th February 2008, for:-

Advt. No. WB 3/2008. Supply and delivery of galvanized steel water pipes for the Works Branch, Department of Projects and Development, Gozo (period contract).

A fee of €11.65 (Lm5) is to be paid for every copy of tender document.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions can be obtained from the Works Branch, Victoria, Gozo, on any working day during office hours.

29th January, 2008

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' Frar, 2008 fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima ta' l-*Accounts*, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. D. Cust. S. 3/2008. Servizzi ta' Arkitett u Inġinier Ċivili bil-*warrant,* Inġinier ta' l-Elettriku bil-*warrant* u Inġinier Mekkaniku bil-*warrant* għad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 (Lm8.59) fuq ġbir tad-dokumenti ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts*, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi**,** Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, Triq l-Ewropa, ir-Rabat, Għawdex, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Id-29 ta' Jannar, 2008

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-5 ta' Frar, 2008 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Kwot. PFI Nru. 2079. *Calibrated burette sets.*

Kwot. PFI Nru. 2080. *Cleaning brushes for bronchoscopes.*

Kwot. PFI Nru. 2081. *65 disposable loading unit w/4mm staples.*

Kwot. PFI Nru. 2082. *Gigli wire bone saws.*

Kwot. PFI Nru. 2083. *Testolactone 50mg tablets.*

Kwot. PFI Nru. 2084. *Testosterone 250mg oily injections.*

Kwot. PFI Nru. 2085. *Dextran 70, 6% in 0.9% sodium chloride injections.*

Kwot. PFI Nru. 2086. *Guide tubes and parts for Wolf diathermy handle.*

Kwot. PFI Nru. 2087. *Alphatocopheryl suspension.*

Kwot. PFI Nru. 2088. *Catheters suction sz. 5FG.*

MINISTRY FOR GOZO

The Director of Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services, Victoria, Gozo, by not later than 10.00 a.m. of Tuesday, 19th February, 2008, for:-

Advt. No. D. Cust. S. 3/2008. Services of a warranted Architect and Civil Engineer, a warranted Electrical Engineer and a warranted Mechanical Engineer for the Education Office.

A payment fee of €20 (Lm8.59) is to be effected upon collection of these tender documents.

Tenders should be drawn up on the prescribed forms which, together with the relative conditions can be obtained from the Accounts Section, Department of Corporate Services, Ministry for Gozo, Victoria, Gozo or the Education Office, Triq l-Ewropa, Victoria, Gozo, on any working day during office hours.

29th January, 2008

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday, 5th February, 2008, for:-

Quot. PFI No. 2079. Calibrated burette sets.

Quot. PFI No. 2080. Cleaning brushes for bronchoscopes.

Quot. PFI No. 2081. 65 disposable loading unit w/4mm staples.

Quot. PFI No. 2082. Gigli wire bone saws.

Quot. PFI No. 2083. Testolactone 50mg tablets.

Quot. PFI No. 2084. Testosterone 250mg oily injections.

Quot. PFI No. 2085. Dextran 70, 6% in 0.9% sodium chloride injections.

Quot. PFI No. 2086. Guide tubes and parts for Wolf diathermy handle.

Quot. PFI No. 2087. Alphatocopheryl suspension.

Quot. PFI No. 2088. Catheters suction sz. 5FG.

Kwot. PFI Nru. 2089. *Stethoscopes paediatric*.
Kwot. PFI Nru. 2090. *Lorazepam 4mg/ml injections*.

Il-PFI's imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-29 ta' Jannar, 2008

Quot. PFI No. 2089. Stethoscopes paediatric.
Quot. PFI No. 2090. Lorazepam 4mg/ml injections.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

29th January, 2008

KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI

Il-Kunsill Lokali Siġġiewi jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Frar 2008, fil-kaxxa ta' l-offerti tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. LCS1/08. Servizz ta' *Customer Care Support Clerk*.

Għandu jitħallas dritt ta' €10.00 (Lm4.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża. Offerti kkonsenjati wara l-ħin stipulat ma jiġux ikkunsidrati.

Id-29 ta' Jannar, 2008

SIĠĠIEWI LOCAL COUNCIL

The Siġġiewi Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the Council's tender box up to noon of Friday, 8th February 2008, for:-

Advt. No. LCS1/08. Service of a Customer Care Support Clerk.

A fee of €10.00 (Lm4.29) is to be paid for each copy of tender document.

Tender documents may be collected from the Council's office from Monday to Friday between 8.30 a.m. and noon.

Tenders will be opened in public on the closing date and time.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous tender. Late tenders will not be accepted.

29th January, 2008

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Il-Kunsill Lokali Naxxar jgħarraf illi d-dokumenti ta' l-offerta għas-servizzi ta' *Works Officer* (Avviż Nru. 03/08) ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,176 tat-22 ta' Jannar 2008 jista' jinġabar biss mill-1 ta' Frar 2008. Id-data ta' l-għeluq issa ġiet estiża sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-3 ta' Marzu 2008 fejn jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara.

Id-29 ta' Jannar, 2008

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that tender documents for the services of Works Officer (Advt. No. 03/08) published in the Government Gazette No. 18,176 of the 22nd January 2008 can only be collected as from 1st February 2008. The closing date has now been postponed to noon of Monday, 3rd March 2008 where they will be opened in public immediately after.

29th January, 2008

KUNSILL LOKALI RABAT (MALTA)

Il-Kunsill Lokali Rabat (Malta) jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Frar, 2008 jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. RLC T0068/2008. Kuntratt perjodiku għal *crete print* għal inħawi pavimentati.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 (Lm21.47) għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Rabat, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat, bi ħlas għal kull dokument, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Id-29 ta' Jannar, 2008

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Malta) Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 22nd February, 2008, for:-

Advt. No. RLC T0068/2008. Period contract for crete print of paving areas.

A fee of €50 (Lm21.47) will be charged for each tender document.

Tender documents can be obtained from the Rabat Local Council's Administrative Offices, 8, Triq l-Isptar, Rabat, at a fee for each document, from Monday to Friday, between 8.30 a.m. and noon.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous tender.

29th January, 2008

KUNSILL LOKALI BORMLA

Il-Kunsill Lokali Bormla jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Frar 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. KLBO 02/2008. Servizzi ta' *office support*.

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Frar 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. KLBO 03/2008. Xogħol ta' knis u tindif ta' toroq.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali fuq ħlas ta' €46.59 (Lm20) għal kull dokument. L-offerti jinfetħu fil-preżenza tal-pubbliku fil-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Id-29 ta' Jannar, 2008

BORMLA LOCAL COUNCIL

The Bormla Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Wednesday, 6th February 2008, for:-

Advt. No. KLBO 02/2008. Office support services.

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 29th February 2008, for:-

Advt. No. KLBO 03/2008. Street sweeping and cleaning.

Tender documents may be obtained from the Local Council's offices against a fee of €46.59 (Lm20) for each document. Tenders will be publicly opened at closing time.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

29th January, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

149

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Jannar 2008, fl-atti tar-Rikors tat-30 ta' Awissu 2007 u 20 ta' Novembru 2007, Ċitazzjoni numru 411/04 NC, fl-ismijiet Caroline Tierney Debattista vs Godfrey Debattista, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata Caroline Tierney Debattista, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) Ċitazz. Numru 411/04 NC, fl-ismijiet Caroline Tierney Debattista vs Godfrey Debattista, fit-30 ta' Awissu 2007, ir-rikorrenti Godfrey Debattista, espona bir-rispett:

Illi permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, fid-19 ta' Settembru 2005, l-esponenti ġie ordnat jissominstra manteniment għall-attriċi u għal uliedhom minuri …omissis… fl-ammont ta' €349.41 (Lm150) kull erba' ġimgħat bil-quddiem.

Illi l-esponenti ilu diżokkupat għal dawn l-aħħar 4 snin u m'huwiex f'qagħda finanzjarja li jħallas il-manteniment imsemmi (Dok. A) ...omissis…

Illi min-naħa tagħha l-attriċi taħdem full-time bħala timeshare operator ...omissis…

Illi l-attriċi abbandunat id-dar matrimonjali fis-sena 2004, biex tmur tgħix mas-sieħeb tagħha …omissis…

Illi mhux biss iżda qabel ma' l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali, hija ġibdet il-life savings lokali u esteri tal-kontendenti ...omissis…

Għaldaqstant fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. tvarja d-digriet tagħha tad-19 ta' Settembru 2005, li tiddikjara li ladarba l-intimata taħdem u hija adultera m'għandha l-ebda jedd għall-ħlas ta' manteniment għaliha; u tnaqqas l-ammont ta' manteniment dovut versu l-minuri …omissis…skond l-mezzi tal-esponenti.

Intimata: Hiltop Apartments, Flat 1, Triq iċ-Ċili, Naxxar.

Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja)

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 15th January 2008, in the records of the Application of the 30th August 2007 and the 20th November 2007, Writ of Summons number 411/04 NC, in the names Caroline Tierney Debattista vs Godfrey Debattista, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Caroline Tierney Debattista, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) Writ of Summons Number 411/04 NC, in the names Caroline Tierney Debattista vs Godfrey Debattista, on the 30th August 2007, the applicant Godfrey Debattista, pleaded with respect:

That by means of a decree given by this Honourable Court, on the 19th September 2005, the applicant was ordered to provide maintenance to the plaintiff and her minor children …omissis… in the amount of €349.41 (Lm150) every four weeks in advance.

That the applicant has been disoccupied for these last four years and is not in a financial position to pay the said maintenance (Doc A) …omissis…

That on her part the plaintiff works full-time as a timeshare operator…omissis…

That the plaintiff abandoned the matrimonial home in the year 2004, in order to go and live with her partner ...omissis…

Not only, but before the respondent abandoned the matrimonial home, she withdrew all the local and foreign life savings of the parties …omissis…

Thus in the light of the above the applicant prays with respect that this Honourable Court:

1. varies the decree of the 19th September 2005, by declaring that once the respondent works and is adulterous, she has no right for the payment of maintenance for herself; and reduce the amount of maintenance due towards the minor ….omissis…. according to the means of the applicant.

Respondent: Hiltop Apartments, Flat 1, Ċili Street, Naxxar.

Civil Court

(Family Section)

Imħallef: Onor. Noel Cuschieri LLD. Mag. Juris. (Eur. Law)

Ċitazz. Numru 411/04 NC
Caroline Tierney Debattista Vs Godfrey Debattista.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 30 ta' Awissu 2007.

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'sitt ijiem għar-risposta ġuramentata.

Illum 4 ta' Settembru 2007.

Anne Xuereb
Deputat Reġistratur.

In virtù ta' l-istess digriet hawn fuq imsemmi tal-15 ta' Jannar 2008, ġie ordnat ukoll illi r-rikors tal-20 ta' Novembru 2007 u d-diġriet tat-3 ta' Diċembru 2007, jiġi notifikat lil intimata bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors tal-20 ta' Novembru 2007, Ċit. Numru 411/04NC, Caroline Tierney Debattista vs Godfrey Debattista, ir-rikorrenti Godfrey Debattista espona bir-rispett;

Manteniment

Illi permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Settembru 2005, l-esponenti ġie ordnat jissominstra manteniment għall-attriċi u għal uliedhom minuri ...omissis… fl-ammont ta' €349.41 (Lm150) kull erba' ġimgħat bil-quddiem.

Illi l-esponenti ilu diżokkupat għal dawn l-aħħar 4 snin u m'huwiex f' qagħda finanzjarja li jħallas il-manteniment imsemmi …omissis…

Illi min-naħa tagħha l-attriċi taħdem full-time bħala timeshare operator minn fejn għandha introjtu sostanzjali …omissis…

Illi l-attriċi abbandunat id-dar matrimonjali fis-sena 2004, biex tmur tgħix mas-sieħeb tagħha ...omissis…

Illi mhux biss iżda qabel ma' l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali, hija ġibdet il-life savings lokali u esteri tal-kontendenti …omissis…

Illi għalhekk in vista tal-premess l-esponenti jħoss, li d-digriet tad-19 ta' Settembru 2005, għandu jiġi varjat li ladarba

Judge: Hon. Noel Cuschieri LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)

Writ of Summons Number 411/04 NC
Caroline Tierney Debattista Vs Godfrey Debattista.

The Court;

Saw the application of the defendant dated 30th August 2007.

Orders that the respondent be notified who is to file a sworn reply within six days.

Today 4th September 2007.

Anne Xuereb
Deputy Registrar.

In virtue of the same decree above mentioned of the 15th January 2008, it was also ordered that the application of the 20th November 2007 and the decree of the 3rd December 2007, be notified also to the respondent, by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application of the 20th November 2007, Writ of Summons Number 411/04NC, Caroline Tierney Debattista vs Godfrey Debasttista, the applicant Godfrey Debattista pleaded with respect;

Maintenance.

That by means of a decree given by this Honourable Court, on the 19th September 2005, the applicant was ordered to provide maintenance for the plaintiff and their minor children …omissis… in the amount of €349.41 (Lm150) every four weeks in advance.

That the applicant had been unemployed for these last 4 years and is not in a financial position to pay the said maintenance ...omissis…

That on her part the plaintiff works full-time as a timeshare operator from where she has substantial income ...omissis…

That the plaintiff abandoned the matrimonial home in the year 2004, in order to go and live with her partner ...omissis…

Not only but before the respondent abandoned the matrimonial home, she withdrew all the local and foreign life savings of the parties ...omissis…

That thus in view of the premised, the applicant feels, that the decree of the 19th September 2005, should be

l-intimata taħdem bi qligħ u hija adultera m'għandha l-ebda jedd għall-ħlas ta' manteniment għaliha; …omissis…

Dar Matrimonjali

Illi problema oħra eżistenti bejn il-kontendenti, hija d-dar matrimonjali 'The Meadows', Triq l-Latnija, Salina, l/o Naxxar. Ai termini tad-digriet mogħti fit-30 ta' Awissu 2005, din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-esponenti għandhu jabita fid-dar matrimonjali ad esklużżjoni tal-intimata u dan pendente lite.

Illi minkejja dan l-esponent xorta waħda tul dawn is-sentejn għamel sforz biex dan il-fond jinbiegħ u b'hekk mir-rikavat ikun jista' jitħallas il-Bank of Valletta p.l.c ...omissis…

Illi fil-fatt l-esponenti sab il-bejgħ ta' din id-dar … omissis…

Illi l-partijiet ma jistgħux jilħqu ftehim dwar it-termini tas-separazzjoni, b'mod partikolari dwar il-flejjes, li ħadet l-intimata …omissis…

Illi kien għalhekk li l-esponenti ssuġġerixxa li d-dar tinbiegħ, mir-rikavat jitħallsu d-djun gravanti l-komunjoni tal-akkwisti u kwalsijasi bilanċ jiġi depożitat il-Qorti jew f' akkont konġunt bejn il-partijiet …omissis…

Illi l-esponenti għalhekk jixtieq li din l-Onor. Qorti tordna l-bejgħ tal-immobili bil-prezz maqbul ta' ….omissis…., b'mod li f'kaz li l-intimata tonqos li tidher għall-konvenju u/jew għall-kuntratt finali, din il-Qorti taħtar kuratur sabiex jirrapreżenta lill-intimata.

Illi fi kwalunkwe kaz l-intimata għandha tiġi kkundannata għall-ħlas tad-danni li qed tikkawża lill-esponenti, liema danni jistgħu jiġu kkwantifikati permezz ta' nota ad hoc …omissis…

Għaldaqstant fl-isfond tas-suespost l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. tvarja id-digriet tad-19 ta' Settembru 2005, li tiddikjara li l-intimata m'għandha l-ebda jedd għall-ħlas ta' manteniment għaliha ...omissis…

2. tvarja d-digriet tad-19 ta' Settembru 2005, fis-sens li in vista tal-fatt li l-esponenti ma jaħdimx il-manteniment dovut għall-minuri għandu jiġi sospiż jew ridott biex jirrifletti l-mezzi tiegħu;

3. tordna li kwalsiasi arretrati dovuti għandhom jiġu paċuti mal-flejjes li ħadet l-intimata mill-komunjoni tal-akkwisti meta abbandunat lill-esponenti.

varied, that once the respondent is gainfully employed and is adulterous she has no right to the payment of maintenance for herself …omissis…

Matrimonial Home.

That another problem existing between the parties, is the matrimonial home 'The Meadows', Latnija Street, Salina, l/O Naxxar. In terms of the decree given on the 30th August 2005, this Honourable Court, ordered that the applicant is to live in the matrimonial home to the exclusion of the respondent and this pendente lite.

That despite of this the applicant, still, during these last two years made an effort so that this premises be sold and thus the proceeds, can be paid to the Bank of Valletta p.l.c ...omissis…

That in fact the applicant has found the sale of this house ...omissis…

That the parties cannot reach agreement regarding the terms of separation, in particular regarding the monies, which the respondent withdrew ...omissis…

That thus the applicant, suggested that the house be sold, and from the proceeds there be paid the debts burdening the community of acquests and any balance be deposited in Court or in a joint account between the parties ...omissis…

That thus the applicant wishes that this Honourable Court, orders the sale of the immovable for the agreed price of ...omissis..., in such a manner that in case the respondent fails to appear on the preliminary agreement and/or final deed, this Court shall appoint a curator, to represent the respondent.

That in any case the respondent should be condemned for the payment of damages she is causing to the applicant, which damages, can be quantified by means of a note ad hoc ...omissis…

Thus in the light of the above, the applicant prays with respect that this Honourable Court;

1. varies the decree of the 19th September 2005, in the sense that it declares that the respondent has noo right to the payment of maintenance for herself …omissis…

2. varies the decree of the 19th September 2005, in the sense that in view of the fact that the applicant does not work the maintenance due for the minors is to be suspended or reduced to reflect his means;

3. to order that any arrears due are to be set-off, with the monies that the respondent took from the community of acquests, when she abandoned the applicant.

4. tordna l-bejgħ tal-fond ' The Meadows' , Triq il-Latnija, Salina l/o Naxxar u l-garaxx sottostanti …omissis…

5. tordna ukoll li l-intimata għandha tiġi kkundannata għall-ħlas tad-danni li qed tikkawża lill-esponenti minħabba l-inadempjenza tagħha li tbiegħ il-fond preċitat.

6. tati kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Intimata: 1, Nautica Suites, Triq Salvu Camilleri, Mellieħa.

Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)

Imħallef

Onor. Noel Cuschieri LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)

Citazz. Numru: 411/04 NC

Caroline Tierney Debattista Vs Godfrey Debattista

Il-Qorti;

Komunika: Dott. Ruth Scott

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 20 ta' Novembru 2007;

Fl-ewwel lok ir-rikorrenti għandhu jinnotifika lill-intimata bir-rikors tiegħu tat-30 ta' Awissu 2007 li jitratta l-vertenza tal-manteniment pendente lite u jikkonferma l-istess bil-ġurament. Fit-tieni lok għandu jikkonferma l-kontenut tar-rikors odjern bil-ġurament; u sussegwentement tordna n-notifika lill-kontro-parti b'għaxart ijiem utili għar-risposta ġuramentata.

Illum 3 ta' Diċembru 2007.

Anne Xuereb
Dep/Reg.

Iċ-Ċitazzjoni Numru 411/04 NC, fl-ismijiet Tierney Debattista Caroline vs Debattista Godfrey, jinsab issa differit għal-4 ta' Marzu 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 25 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. to order the sale of the premises 'The Meadows' Latnija Street, Salina l/o Naxxar and the underlying garage ...omissis…

5. to order that the respondent should be condemned to pay the damages she is causing to the applicant due to her default, to sell the premises above mentioned.

6. to make any other provision that this Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances of the case.

Respondent: 1, Nautica Suites, Salvu Camilleri Street, Mellieħa.

Civil Court (Family Section)

Judge

Hon. Noel Cuschieri LL.D. Mag. Juris. (Eur Law)

Writ of Summons Number: 411/04NC

Caroline Tierney Debattista Vs Godfrey Debattista.

The Court;

Notify: Dr Ruth Scott

Saw the application of the defendant dated 20th November 2007;

In the first place, the applicant is -to notify the respondent with his application of the 30th August 2007, which deals with the argument relating to maintenance pendente lite and confirms the same under oath. In the second place he is to confirm the contents of the present application, under oath, and subsequently orders that it be notified to the respondents, who are to file a sworn reply within ten days.

Today 3rd December 2007.

Anne Xuereb.
Dep/Reg.

The Writ of Summons Number 411/04 NC, in the names Tierney Debattista Caroline vs Debattista Godfrey, has been put off to the 4th March 2008, at 9.00 a.m.

Registry Civil Courts (Family Section) today 25th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

150

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla, permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 904/2007 GC, fl-ismijiet S. N. Developments Ltd (C 27260) vs Herman Kaminski (ID 26964A) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet S. N. Developments Limited (C 27260) vs Herman Kaminski (ID 26964A) fis-27 ta' Awissu 2007, is-soċjetà S. N. Developments Limited (C 26964A) esponiet bir-rispett u talbet l-intimat jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna m'għandhiex;

1.Tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skond l-Artikolu 167 et seq. (tal-Kapitolu 12) u tordna lill-intimat sabiex fit-terminu qasir u perentorju li din il-Qorti jogħġobha tipprefiġġi jiżgombra mill-fond premess …omissis…

2. Tillikwida kumpens xieraq pagabbli lis-soċjetà rikorrenti għaż-żmien li fih l-istess intimat okkupa l-imsemmi garaxx illegalment u sakemm il-ġaraxx jiġi vvakat …omissis…

3. Tikkundanna u tordna lill-intimat, sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat lilu minn dina l-Onorabbli Qorti, jħallas is-somma li tiġi hekk likwidata.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet, kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Intimat: Herman Kaminski, Dalaila, Flat 9, 'Penthouse' Triq Ġanni Bencini, Sliema.

Lista tax-xhieda.

Ir-Rikors Numru 904/07 GC, fl-ismijiet S.N. Developments Limited vs Kaminski Herman, jinsab differit għall-4 ta' Frar 2008, fid-9.00 a.m.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT.FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 29th October 2007, in the records of the Application Number 904/2007 GC, in the names S. N. Developments Ltd (C 27260) vs Herman Kaminski (ID 26964A) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names S. N.Developments Limited (C 27260) vs Herman Kaminski (ID 26964A) on the 27th August 2007, the company S. N. Developments Limited (C 26964A) pleaded with respect and asked the respondent why this Honourable Court, saving any necessary and opportune declaration should not:

1. Uphold the demand of the applicant company and deliver judgement without proceeding to a hearing of the cause according to Article 167 et seq. (of Chapter 12) and order the respondent so that within a short and peremptory period fixed by this Court he vacates the premises mentioned …omissis…

2. Liquidate the adequate compensation payable to the applicant company for the period which the same respondent occupied the said garage illegally and till the garage is vacated …omissis…

3. Condemn and order the respondent so that within the short and peremptory period fixed to him, by this Honourable Court, he pays the sum so liquidated.

With costs and interests, against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Respondent: Herman Kaminski, Dalaila, Flat 9, 'Penthouse' Ġanni Bencini Street, Sliema.

List of Witnesses.

The Application Number 904/07 GC, in the names S. N. Developments Limited vs Kaminski Herman, has been put off to the 4th February 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

151

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Novembru 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 747/07 RCP, fl-ismijiet Anthony Callus f'ismu propju u bħala mandatarju ta' l-imsefrin Violet Taylor, Victor Callus, Charles Callus, Josephine Doran, Diana McCluskey, Yvonne Turner u Helen Callus vs Joseph Callus, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Anthony Callus et vs Joseph Calllus, fil-11 ta' Lulju 2007, ir-rikorrenti Anthony Callus (ID 344399M) et, espona bir-rispett u talab lil din il-Qorti;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kontendenti kollha bħala kompproprjetarji indiviżament bejniethom tal-fond 2, 'Sacred Heart', Triq tal-Qroqq, Imsida …omissis…

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fiż-żmien li l-imsemmi post ilu taħt il-kontroll tal-konvenut Joseph Callus, l-istess konvenut naqas li jżommu f'kundizzjoni tajba ta' manutenzjoni bh ħsara għall-jeddijiet ta' l-atturi.

3. Tiddikjara li l-konvenut Joseph Callus la għandu jedd juża l-fond 2, 'Sacred Heart', Triq tal-Qroqq, Imsida, b'mod esklussiv u lanqas għandu jużah bħala r-residenza permanenti tiegħu.

4. Taħtar lill-attur Anthony Callus sabiex jamministra l-imsemmi fond, fl-interess tal-komproprejtarji kollha … omissis…

5. Konsegwentement tordna lill-istess Joseph Callus, sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgombra mill-fond 2, 'Sacred Heart', Triq tal-Qroqq, Imsida …omissis…

Bl-ispejjeż…omissis...kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Konvenut: Joseph Callus,
2, 'Sacred Heart', Triq tal-Qroqq, Imsida.

Ir-Rikors Numru 747/07 RCP, fl-ismijiet Anthony Callus et vs Joseph Callus jinsab differit għas-smigħ għal-4 ta' Frar 2008, fil-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 13th November 2007, in the records of the Sworn Application number 747/07 RCP, in the names Anthony Callus in his own name and as mandatary of the absent Violet Taylor, Victor Callus, Charles Callus, Josephine Doran, Diana McCluskey, Yvonne Turner and Helen Callus vs Joseph Callus, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Anthony Callus et vs Joseph Callus, on the 11th July 2007, the applicant Anthony Callus (ID 344399M) et, pleaded with respect and asked this Court;

1. To declare and decide all the parties as undivided co-owners between them of the premises 2, 'Sacred Heart', Triq Tal-Qroqq, Msida …omissis…

2. To declare and decide that during the time that the said premises was under the control of the defendant Joseph Callus, the same defendant failed to keep it in a good state of maintenance, with prejudice to the rights of the plaintiffs.

3. Declare that the defendant Joseph Callus has no right to use the premises 2, 'Sacred Heart', Tal-Qroqq Street, Msida, exclusively and not to use it as his permanent residence.

4. To appoint the plaintiff Anthony Callus, to administer the said premises in the interest of all the co-owners … omissis…

5. Consequently order the same Joseph Callus, so that within a short and peremptory period he vacates the premises 2, 'Sacred Heart', Tal-Qroqq Street, Msida.

With costs…omissis...in against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made

Defendant: Joseph Callus,
2, 'Sacred Heart', Triq tal-Qroqq, Imsida

The Application Number 747/07 RCP, in the names Anthony Callus et vs Joseph Callus has been put off for hearing to the 4th February 2008, at 11.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL,D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

152

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subasta numru 83/06 fl-ismijiet:

HSBC Bank Malta p.l.c.

Vs

Wings Travel Company Limited

Onor Imħallef Dott. G. C. Demajo

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tat-Tlieta, 2 ta' Ottubru 2007 bil-prezz ta' €34,940.60 (Lm15,000) 'animo compensandi' favur HSBC Bank Malta Plc rigward il-fond hawn taħt imsemmi u li kien jappartjeni lil Wings Travel Company Limited imsemmija fl-istess atti u cioè:-

Iż-żewġ ħwienet numru sebgħa u għoxrin (27) u tmienja u għoxrin (28) rispettivament sottoposti għall-beni ta' terzi, fi Pjazza Sant'Anna, Floriana, liberi u franki bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħhom u stmati li jiswew €153,738.64 (Lm66,000).

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Nicholas Zammit (KI 484571M) kisser l-kwindena u offra €36,105.29 (Lm15,500) għall-propjetà hawn fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-Bejgħ bl-Irkant Finali u l-Aħħar Liberazzjoni tal-propjetà hawn fuq imsemmi l-jum tal-Ħamis, 8 ta' Mejju 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberatarju u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, 24 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A.(HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction number 83/06 in the names:

HSBC Bank Malta p.l.c.

Vs

Wings Travel Company Limited

Honourable Mr Justice Dr G. C. Demajo

The Court,

Following the adjudication of Tuesday 2nd October 2007 in favour of HSBC Bank Malta Plc for the price of €34,940.60 (Lm15,000) for the hereunder mentioned tenement belonging to Wings Travel Company Limited mentioned in the same Judicial Acts namely:-

The two shops number twenty seven (27) and twenty eight (28) respectively underlying property of third parties, in St. Anne Square, Floriana, free and unencumbered, with all their rights and appurtenances and assessed, valued at €153,738.64 (Lm66,000),

Whereas Nicholas Zammit (ID 484571M) interrupted the fifteen day statutory time limit by entering a bid of €36,105.29 (Lm15,500) for the mentioned property.

The Court therefore decrees and appoints Thursday, 8th May 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, for the final Sale by Auction and Adjudication of the afore-mentioned property, which Sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of this decree be served on the execution debtor, the execution creditor, the purchaser and the last bidder.

Today the 24th January, 2008

ALAN K. ZERAFA, B.A.(HONS.), M.A.
For the Registrar,Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*